# KRONAKA TA' "IL-MALTI"

## ID-DIMISSJONI TAS-SEGRETARJU U GĦAŻLA TA' SEGRETARJU ĠDID

Jisgħobbina ngħarrfu illi s-Sur Ġużè Chetcuti li kien Segretarju tal-"Għaqda" ħalla mill-karika ta' Segretarju b'inkejja tiegħu nnifsu għax ra li ma satax jissokta jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' Segretarju bla preġudizzju ta' xogħol ieħor u ta' kariki oħra amministrattivi. Aħna, jiġifieri, il-Kunsill u l-Membri effettivi, f'laqgħa ġenerali, kellna nilqgħu fuq qalbna din it-talba tiegħu ta' dimissjoni għaliex nafu li minn Ġużè Chetcuti, membru prominenti tal-"Għaqda". li ilu jaħdem bħala Segretarju għal tmien snin sħaħ bl-akbar ħeġġa u leħħa, il-"Għaqda" kienet qiegħda tirbaħ mhux ftit u li issa bid-dimissjoni tiegħu tilfet mhux ftit.

Is-Sur Chetcuti, iżda, meta għarrafnieh li d-dimissjoni tiegħu ġiet milqugħa fil-waqt li raddejnielu l-ħajr tagħna għax-xogħol fejjiedi li għamel kemm dam Segretarju, weġibna li bħala membru u kittieb jissokta jaħdem bl-istess ħeġġa bħal qabel u li hu ma jonqosx li jibqa' jgħin lill-"Għaqda" għar-risq tagħha u tal-Malti.

Flok is-Sur Chetcuti nħatar f'laqgħa ġenerali tat-28 ta' Novembru, is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L., bin il-mejjet Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel President tal-"Għaqda". Fil-waqt li nifirħulu nittamaw illi r-rabta hekk storika u għażiża li biha jinsab il-lum marbut mal-"Għaqda" mill-ewwel żminijiet tal-ħajja tagħha bħala Membru Korrispondent f'Lixandra u issa bħala Membru Akkademiku tagħha f'Malta, u kittieb magħruf tal-Malti, ma għandux f'din il-karika ġdida li huwa nħatar għaliha, jagħmel għajb lil demmu — il-lum magħruf biżżejjed fl-istorja tal-Lsien Malti.

## LAQGĦA AKKADEMIKA

Fil-Laqgħa Akkademika li saret mill-"Għaqda", fid-Dar ta' San Ġużepp (*Unione Cattolica S. Giuseppe*), il-Belt, fit-28 ta' Novembru, inqraw dawn il-komposizzjonijiet minn Membri tal-"Għaqda", li tagħhom inġibu isimhom quddiem il-komposizzjoni tagħhom. Minħabba n-nuqqas ta' wisa' dawn il-komposizzjonijiet sa jidhru f'"Il-Malti" ta' Marzu, 1949:—



Dr. A. Buttigieg: *Il-Għanja tat-Taħrik* (poeżija).
M. Agius: *Wara l-Ewwel Xita* (poeżija).
Kapt. J. E. Busuttil: *L-Imbroljun* (Studju psikoloġiku).
Dr. E. Agius: *Riħ Fuq* (poeżija).
Patri G. Meylak, S.J.: *Għar Qawqla* (poeżija).
A. Cremona: *Kelb Xiħ tal-Għassa* (poeżija).

Xtaqna nfakkru lil dawk il-Membri li jitħajru jaqraw xi komposizzjoni tagħhom f'xi Laqgħa Akkademika tal-"Għaqda" illi l-komposizzjoni li jaqraw ma għandhiex tkun diġà dehret jew li għad trid tidher f'xi ġurnal jew rivista oħra, billi bħala regula hija x-xewqa tagħna li komposizzjonijiet li jinqraw f'Laqgħa Akkademika tal-"Għaqda" jidhru f'"Il-Malti" bħala tifkira ta' dik il-laqgħa li tkun saret mill-"Għaqda". Dak li għidna għall-komposizzjonijiet li jinqraw f'Laqgħa Akkademika jgħodd ukoll għal komposizzjonijiet oħra li jinbagħtu biex jidhru f'"Il-Malti", u li ma għandhomx ikunu komposizzjonijiet li jkunu diġà dehru jew li għad iridu jidhru f'xi ġurnali jew rivisti oħra.

## ĦATRA TA' ĠIEH

Nifirħu bil-qalb kollha lis-Sur GEORGE J. RANSLEY għat-titlu ta' ġieh ta' Kavalier Donat ta' l-Ordni Militari ta' Malta li lilu ngħata xi ġimgħat ilu.

Is-Sur Ransley hu Membru Akkademiku u Membru tal-Kunsill tal-"Għaqda", u dejjem wera l-akbar interess għall-istudju u progress tal-Malti. Huwa kien l-ewwel wieħed li sawwar bil-Malti sistema ta' Stenografija tal-Malti mqabbla fuq dik ta' "Gregg", li b'riħet il-klassijiet b'xejn li fetaħ ma' Malta kollha mxiet ħafna 'l quddiem fost l-istudenti Matin. Huwa wkoll l-Editur tal-"YOUTH", ġurnal istruttiv ħafna għaż-żgħażagħ tagħna, u li jmissu jkun f'idejn it-tfal ta' l-iskola kollha. Barra minn dan, il-ħidma li għaliha huwa magħruf minn tarf sa tarf tal-gżira ta' Għawdex hija dik taż-żminijiet imwiegħra tal-gwerra, meta bħala Kummissarju ta' dik il-Gżira, Għawdxin u Maltin, sabu fih għajnuna kbira sabiex ma jħossux il-ħruxija ta' tbatijiet u n-nuqqas tal-bżonnijiet tal-ħajja fil-ħames snin li fihom Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha kienu għaddejjin mill-ikrah sigħat tal-ħajja tagħhom.

Bil-ħaqq kollu għalhekk jidher li dan il-ġieh ingħata lilu bħala għożża tax-xogħol li għamel għall-ġid ta' Art twelidu, u li aħna għandna għalfejn nifirħulu.